**MINUTI**

**Minuti tal-50 Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qrendi**

**It-tmien leġiżlatura**

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ltaqa' fl-uffiċċju tal-Kunsill 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar il-Ħamis 24 ta' Novembru, 2022, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku David Schembri MQR
Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja
Il-Kunsillier Daniel Farrugia
Il-Kunsillier Charles Zerafa

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skond Ordni Permanenti 14A(3))

Il-Kunsilliera Marion Parnis

UFFIĊJAL

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Ritienne Giorgino

*Kunsill Lokali Qrendi, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi QRD 1103*
*Tel: 21680404/21640524*
*E-mail: qrendi.lc@gov.mt*
*Website: www.qrendilocalcouncil.org.mt*

**Minuti**

*Is-Sindku preseda l-laqgħa.*

**50.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**50.1.1** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**50.2** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

**50.2.1** Il-Minuti tal-50 laqgħa ġew ikkunsidati bħala moqrija.

**50.2.2** Is-Sindku talab korrezzjoni tal-Minuti 49.11.4.
Korrezzjoni: Jinqata il-kliem fil-ħames linja "*u allura ma inħariġx il-permess*" u jinżdied il-kliem "*Peress li kienu ser jintilfu erba' spazji ta' parkeġġi għal tul ta' żmien, il-permess ma nħariġx.*"

**50.2.3** Il-minuti 49.11.4 jiġu jinqraw hekk: "*Is-Sindku qal li kien hemm talba għal filming fil-lokalita' għad-durata ta' ġimgħatejn fejn jiġu riservati numru ta' parkeġġi fi Triq il-Kbira. Hu qal li f'din it-triq diġa hemm problema ta' parkeġġi u allura ser jinħoloq inkonvenjent lir-residenti. Intalab li jkun hemm ftehim ta' koperazzjoni iżda dawn ma' aċċettawx. Peress li kienu ser jintilfu erba' spazji ta' parkeġġi għal tul ta' żmien, il-permess ma nħariġx. Is-Sindku qal li xhur ilu, kien hemm talba simili fejn kienu qablu li peress li ħa joħolqu inkonvenjent taw donazzjoni ta' €400 li intużaw għal ġid tal-lokalita'. Is-Sindku qal li minn dawn il-filmings il-kumpanija tagħmel qliegħ u dan m'għandux ikun biss għad-detriment tar-resident iżda għandhom iħallu kontribut lill-lokalita'. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan u li biex jinħarġu l-permessi neċessarji għandhom jimxi mal-kundizzjonijiet imposti.*"

**50.2.4** Propona il-Kunsillier Daniel Farrugia. Issekonda l-korrezzjoni il-Viċi Sindku. Kien hemm qbil unanimu.

**50.2.5** Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Daniel Farrugia propona l-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-Minuti bħala dokument korrett, bil-korrezzjoni kif indikata hawn fuq.

**50.3** **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**
Ma kienx hemm komunikazzjoni taħt dan l-item.

**50.4** **MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**
Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**50.5** **TENDERS – AĠĠORNAMENT**

**50.5.1** Is-Sindku informa li d-data tal-għeluq tat-tenders li bħalissa qegħdin ippublikati fuq is-sit e-tenders ġew estiżi sat-2 ta' Diċembru 2022. Huwa qal li ġew riċevuti xi kjarifiki li ġew imwieġba fuq l-istess portal. Huwa informa li t-tender tal-knis ser jiġi ppublikat iktar tard dan ix-xahar.

**50.6 TRIQ IL-ĠWIEWEL**

**50.6.1** Is-Sindku qal li ġiet proposta soluzzjoni għat-triq billi jogħla l-livell tal-art u ssir katusa. Jidher iżda li hemm problema fl-implimentazzjoni peress li l-kuntrattur għolla l-art iktar mill-livell li suppost u dan irriżulta f'li l-problema flok ġiet riżolta ġiet spustjata. Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-sidien fuq il-post u l-ilment ġie mressaq lil Infrastructure Malta, li minn naħa tagħhom raw li hemm bżonn scarifying. Is-Sindku qal li qed issir insistenta biex dan ix-xogħol isir ma jdumx u hemm penali lill-kuntrattur minħabba xogħol ħażin, apparti l-ħsara kkważata mill-ilma li qed tmur fl-għalqa.

**50.7 SOTTOMISSJONI TAR-ROAD FORMATION SCHEME**

**50.7.1** Is-Sindku informa li mal-lista diġa imsemmija f'Seduta preċedenti ġew inklużi toroq oħra li ma kienux ġew inklużi. Is-Sindku qal li talab laqgħa one to one fejn ġew diskussi l-bżonnijiet fit-toroq proposti biex tiġi stabbilita' prijorita'. Il-lista kompluta tat-toroq hija:

- Triq il-Karwija
- Triq Wied iż-Żurrieq (Ħotba) (Maqluba)
- Old Road off Triq il-Congrieve (Oleander)
- Sqaq San Lazzru
- Triq iż-Żurrieq/ Triq il-Ġwiewel
- Triq Gregorio Mifsud
- Triq il-Kastiljani
- Triq il-Providenza (Ġibjun)
- Wied iż-Żurrieq (il-biċċ tal-boathouses)

**50.7.2** Is-Sindku qal li infurmat li Triq il-Karwija diġa hija inkluża f'tender u l-Kunsill iħallas 30% tal-proġett. Is-Sindku propona li bis-sehem tal-Kunsill tinxtara l-għamara tat-triq u s-siġar.

**50.8 PULIZIJA TAL-KOMUNITA'**

**50.8.1** Is-Sindku informa li s-servizz tal-pulizija tal-konunita' beda fit-22 ta' Novembru fejn l-uffiċċjali bdew jiffamiljarizżaw mal-lokalita', iżuru l-ħwienet u jitkellmu mar-residenti. Is-Sindku qal li ser issir laqgħa mal-uffiċjali nhar l-1 ta' Diċembru fejn jiġu diskussi issues u problemi fil-lokalita' li jridu jiġu indirizzati.

**50.8.2** Is-Sindku irringrazzja lill-uffiċċjali tal-pulizija u lil kull min kellu x'jaqsam mal-inċident tal-bieraħ, b'mod speċjali lill-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Cleansing li ħadu ħsieb it-tindif meta infetħu t-toroq li kienu magħluqa fl-inċident.

**50.9 AĊĊETTAZZJONI PROĠETT M3 GXF – PROMOTION OF ARTISTIC ASSETS**

**50.9.1** Is-Sindku informa li ġie ffirmat il-ftehim għall-publikazzjoni tal-ktieb fuq il-Qrendi. Is-Sindku qal li s-sejħa għall-istimi tagħlaq fid-9 ta' Diċembru 2022.

**50.10** **SPI/SCI/10/22 – ŻVILUPP U TITJIB TA' LATTRINI PUBBLIĊI AWTOMATIĊI**

**50.10.1** Is-Sindku qal li għal din l-iskema fuq bażi reġjonali setgħu jigwadanjaw 6 lokalitajiet mir-Reġjun. Hu qal li peress li ż-żewġ lattrini tal-lokalita' huma kundizzjoni tajba allura ma kienx vjabbli li japplika għal din l-iskema.

**50.11** **SKEMA TIŻJIN TAL-MILIED**

**50.11.1** Is-Sindku informa li r-Reġjun Punent ser jiffinanzja €2000 lil kunsilli tar-Reġjun għal tiżjin tal-Milied. Huwa qal li bħal kull sena, il-Kunsill jgħin lill-għaqdiet finanzjarjament biex iżejnu it-toroq tal-lokalita' u propona li apparti l-€2000 tar-Reġjun, il-Kunsill jiffinanzja €3000 għal total ta' €5000, li jinqasmu €2000 kull wieħed liż-żewġ każini u €1000 lill-knisja. Il-Kunsill unanimament qabel fuq dan il-finanzjament għal tiżjin tat-toroq.

**50.11.2** Il-Kunsillier Charles Zerafa issuġġerixxa li jkun hemm dawl aħjar tal-Milied għax ħass li l-Kunsill mhux jieħu value for money għall-flus li qiegħed joħroġ il-Kunsill. Huwa qal li b'valur ta' €5,000 jista' jkollna tiżjin ferm aħjar milli qiegħed jintrema llum.

**50.12** **ŻJARAT KULTURALI – CHRISTMAS VILLAGE F' ĦAL LIJA U ŻJARA F'GĦAJNSIELEM GĦAWDEX**

**50.12.1** Is-Sindku informa li l-Ministru Julia Farrugia wriet ix-xewqa biex issir żjara mill-komunita' fil-villaġġ tal-Milied fil-Ministeru tal-inklużjoni bejn it-2 u l-4 ta' Diċembru 2022. It-trasport jiġi provdut mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku propona li tiġi organizzata din iż-żjara is-Sibt 3 ta' Diċembru 2022, tluq fl-10.00am.

**50.12.2** Is-Sindku qal li għal din is-sena mhux idejali li ssir iż-żjara f'Għajnsielem minħabba loġistika.

**50.13** **AĠĠORNAMENT DWAR L-INGAĠĠ TA' CLERK FUQ SKALA 15**

**50.13.1** Is-Sindku informa li l-impjegata il-ġdida tat ir-riżenja tagħha u b'hekk l-impjieg tagħha ġie terminat fl-aħħar t'Ottubru. Is-Sindku qal li ġie kkuntattjat it-tieni kandidat li ġie fl-interviews li kien sab impjieg u allura ma kienx iktar disponibbli. It-tielet kandidat aċċetta l-impjieg u beda fl-1 ta' Novembru 2022. Is-Sindku qal li issa li ilu kważi xahar jidher li diġa dara l-andament tax-xogħol tiegħu u b'hekk ix-xogħol amministrattiv jkun iktar effettiv u effiċjenti b'żewġ impjegati amministrattivi.

**50.14** **ĊIRKULARI AKL 2022/108 POLZA TAL-ASSIGURAZZJONI TAS-SAĦĦA 2023**

**50.14.1** Is-Sindku propona it-tiġdid tal-polza ta' assikurazzjoni tas-saħħa għas-sena 2023. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament qabel li jsir it-tiġdid.

**50.15** **JUM IL-QRENDI U GĦOTI TA' ĠIEĦ IL-QRENDI**

**50.15.1** Is-Sindku propona d-data għaċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Qrendi fid-19 ta' Frar 2023. Il-Kunsill unanimament qabel.

**50.15.2** Is-Sindku qal li ser jibdew jintlaqgħu in-nominazzjonijiet għal ġieħ il-Qrendi.

**50.16 RISPOSTA – TRANSPORT MALTA**

**50.16.1** Is-Sindku qal li kiteb lil TM rigward is-sinjali fi Sqaq il-Misħaq. Huwa qal li l-Kunsill irċieva risposta dwar ir-rapport u ġejna infurmati li ġej Manager ta' Infrastructure Malta biex issir spezzjoni fi Triq it-Tempesta u Triq Ħaġar Qim rigward is-senjaletika li hemm bżonn, biex b'hekk eventwalment jinġieb il-permess biex isiru. Ġew diskussi wkoll it-tabelli neqsin u biex isiru speed humps u dawl fejn iz-zebra crossings u humps addizjonali biex titrażżan il-veloċita. Is-Sindku propona wkoll li ssir talba għal sleeping police ħdejn ir-roundabout ta' San Mattew, Triq Kabiri u n-niżla tal-Grazzja ssir hump ħdejn iż-żebra crossing, isir sinjal kontinwu fin-nofs u jiġu installati bollards, fi Triq Antonio Chircop issir hump ħdejn iz-zebra crossing u sleeping police fi Triq iż-Żurrieq ħdejn ir-roundabout, b'aċċess minn fejn jgħaddi l-ilma.

**50.17 ECO-SKOLA MEMBERSHIP – HELEN KELLER**

Is-Sindku propona li bħas-snin preċedenti titħallas il-miżata ta' €15 bħala sħubija għal Eco-Skola. Il-Kunsill unanimament qabel.

**50.18 PREŻENTAZZJONI TA' KOTBA LILL-KULLEĠĠ SAN BENEDITTU**

**50.18.1** Is-Sindku rrefera għall-kompetizzjoni ta' studju dwar Santa Katerina. Hu qal li kien hemm parteċipazzjoni inkoraġġanti u ser jiġu preżentati kotba lil min ipparteċipa.

**50.19 INAWGURAZZJONI – SANTA KATERINA TAT-TORBA**

**50.19.1** Is-Sindku refera għall-invit mill-Kappillan għall-okkażjoni tal-inawgurazzjoni fil-25 ta' Novembru 2022 u quddiesa tal-okkażjoni. Hu qal li din id-data taħbat mal-laqgħa plenarja li l-Kunsilli ser ikollhom f'Għawdex u b'dispjaċir li ma jkunux jistgħu jattendu.

**50.19.2** Is-Sindku preżenta ktieb dwar il-proċess tal-konservazzjoni tat-titular u qal li dan ġie parzjalment finanzjat mill-iskema.

**50.20 POC141/2022 – DIRECT ORDER – ŻIEDA FIL-KUNTRATT TAL-ĠBIR TAL-ISKART**

**50.20.1** Is-Sindku qal li kif diġa infurmati id-direct order għal ġbir ta' skart kienet ġiet approvata mid-Dipartiment għal Gvern Lokali għal-servizz sal-aħħar tas-sena. Huwa qal li mill-informazzjoni li għandna s'issa, it-tender fuq bażi reġjonali suppost kellha tibda topera fil-bidu tas-sena 2023 iżda jidher li dan mhux fattibbli. Għalhekk jidher li ser ikun hemm bżonn ta' estensjoni għal iktar xhur tas-servizz probabbli għal 3 xhur oħra.

**50.21 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU (Q3) GĦAL PERJODU LULJU – SETTEMBRU 2022**

**50.21.1**

Is-Sindku rrefera għar-rapport finanzjarju għat-tielet perjodu tas-sena li diġa ġie ċirkolat mal-Kunsilliera u talab l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva r-rapport kif preżentat.

**50.21.2** Budget 2023

Is-Sindku qal li qed jitħejja l-Budget għas-sena d-dieħla. Huwa qal li din is-sena ser ikun hemm xi dewmien minħabba l-issue tal-kuntratt tal-ġbir ta' skart li huwa ammont konsiderevoli u li allura jaffetwa l-infieq fuq items oħra.

**50.22** **ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL LI JKUN MEĦTIEĠ**

**50.22.1** Is-Sindku informa li hemm bus shelter bi ħġieġa mkissra. Hu qal li bħalissa l-Kumpanija li tirranġa l-bus shelters qegħda b'kawża pendenti l-qorti u għalhekk mhux isir xogħol.

**50.22.2** Is-Sindku informa li hemm finanzjament ta' €5000 minn Eco-hive li bihom ser jinxtraw planters għat-toroq u quddiem il-każini.

**50.22.3** Is-Sindku informa li hemm hoarding perikoluż li qed jostakola it-trasport pubbliku. Hu talab biex jiġi ċċekjat jekk dan hux kopert bil-permessi meħtieġa.

**50.22.4** Is-Sindku informa li ġie ffirmat il-ftehim tal-iskema tal-Playing Field. Hu qal li issa qed isir koordinament mal-perit biex jitlestew l-ispecifications għal proċess tat-tender.

**50.22.5** Is-Sindku propona biex Triq San Nikola tiġi one-way minn ħdejn tal-forn sal ispiżerija. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir l-applikazzjoni ma' Transport Malta biex it-triq tiġi one-way kif imsemmi.

**50.22.6** Is-Sindku irrefera għal talba mill-Każin Santa Marija biex il-Kunsill jagħti l-permess sabiex itellgħu bandierra bl-arma tal-Qrendi f'okkażjonijiet ta' luttu. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li m'hemm l-ebda oġġezzjoni dwar din it-talba. Il-Kunsillier Charles Zerafa talab li l-Kunsill ikollu gwida uffiċjali jekk dan jistax isir.

**50.22.7** Is-Sindku semma ir-rapporti dwar gelgul ta' drenaġġ li ħiereġ f'Wied iż-Żurrieq fejn hemm anka filmati dwar dan. Huwa qal li sar rapport lis-Sanita' li stabilixxew minn fej qed joriġina u avżaw lis-sid fejn tawh ġimgħa biex jinstab rimedju. Jidher li huwa l-istess każ fejn hemm rapporti li l-istess stabbiliment joħroġ imwejjed u siġġijiet f'post perikoluż. Is-Sindku qal li għandhom isiru rapporti lill-awtoritajiet konċernati l-MTA, il-Pulizija u s-Sanita' biex tittieħed l-azzjoni neċessarja u filkas tintbagħat ittra bl-avukat.

**50.22.8** Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-Kunsill għandux informazzjoni jekk hix ser titpoġġa magna tal-BCRS fil-Qrendi. Huwa qal li preżentement ir-residenti jridu jmorru f'lokalitajiet oħra u dan huwa ta' inkonvenjent speċjalment għall-anzjani jew għal min ma jsuqx. Is-Sindku qal li s'issa m'għandu l-ebda informazzjoni dwar dan u qal li din it-talba ser iressaqha fil-laqgħa reġjonali li jmiss. Il-Viċi Sindku propona li titpoġġa magna fil-parkeġġ tal-ground.

**50.22.9** Il-Viċi Sindku qal li żmien ilu kien hemm qbil li tingħata AED lill għaqdiet. Is-Sindku qal li l-apparat tal-AED li kien haw fl-uffiċċji tal-Kunsill kienu

skadew u kienu ġew spustjati.

**50.22.10** Is-Sindku propona li l-Festa Patata ssir fl-14 ta' Mejju, li dakinhar taħbat ukoll Jum l-Omm. Huwa qal li l-aħjar jikkomunika mal-bdiewa biex jara liema hu l-aħjar perjodu tal-biedja biex tkun tista ssir din il-festa. Il-Viċi Sindku propona li jitqabbad organiser jew koordinatur għal dan l-avveniment. Is-Sindku talab lill-Kunsillier biex jekk għandhom xi kuntatti jgħadduhom lill-amministrazzjoni biex jinġiebu stimi għal dan is-servizz.

**50.22.11** Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mingħand Lydia Abela bis-suġġett 'Rigal ta' Mħabba'. Is-Sindku qal li jrid ikun hemm sigurta' mar-rigali li jinġiebu u propona li din tiġi diskussa mal-istaff amministrattiv.

**APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

**50.23** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-iskeda tal-pagamenti kif preżentata.

**Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**50.24** Il-laqgħa intemmet fis-7.35 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 19 ta' Diċembru 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 19 ta' Diċembru 2022

David Schembri MQR
Sindku

Ritienne Giorgino
Deputat Segretarju Eżekuttiv